MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 756/2009

Goldline International Traders Ltd C-33096

vs

Michael Mifsud (ID-737249M) ezercitanti
l-kummerc taht l-isem Manchester Mini Market

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Settembru 2009, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €1,618.81c (elf sitt mija u tmintax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi u prodotti mibjugha lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghax legali dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi kif jirrizultaw minn prospett anness u markat Dok A sad-data

tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta Marzu 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokument esebit;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ €1,618.81c (elf sitt mija u tmintax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tar-rispettivi fatturi kif indikati fuq il-prospett esebit markat Dok A u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kif rikjesti kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------